**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 655/97

Silvio Privitera

vs

Chairman tal-Korporazzjoni Telemalta u b' digriet ta' l-10 ta' Mejju 1999 giet korretta ghal Maltacom p.l.c.

Illum 19 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta:

1. Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1996 u cioe' circa fit-23 t'Ottubru 1987 ir-rikorrent kien sofra ingustizzja konsistenti fil-fatt li ma nghatax promozzjoni illi kienet tispettah;

2. Illi r-rikorrent dahal jahdem mal-korporazzjoni intimata fl-1983. Fl-1986 ir-rikorrent inghata l-"journeyman's certificate" sabiex ikun jista' jahdem ta' TT1 u f'Ottubru 1986 gie promoss ghall-grad ta' TT2.

3. Illi fl-1989, ir-rikorrenti applika sabiex jigi promoss ghall-grad ta' TT3 u TO1, izda ma nghatax din il-promozzjoni u gie maqbuz minn persuni inqas kwalifikati minnu.

4. Illi in oltre sussegwentement ir-rikorrent ghamel diversi applikazzjonijiet ghall-korsijiet kemm Malta kif ukoll barra minn Malta, ta' AXE Exchange, Digital Exchanges u Data Equipment, izda diskriminatorjament qatt ma nghtazel ghal dawn il-korsijiet.

5. Illi fl-1992 ir-rikorrent reggha applika ghall-promozzjoni ghall-grad ta' TO1 izda ghal darb'ohra safa maqbuz.

6. Illi fil-prezent ir-rikorrent jahdem fir-Routing Section f'Tas-Sliema u ghandu responsabilita' daqs ta' STO (Senior Technical Officer) izda jokkupa l-kariga ta' ATO (Assistant Technical Officer).

7. Illi di piu' minhabba li gie mcahhad mill-opportunita' li jsegwi l-korsijiet li applika ghalihom ir-rikorrent gie mcahhad ukoll mill-opportunita' li jahdem fl-Exchange il-gdid tal-korporazzjoni intimata u b'hekk ikompli javvanza fil-karriera tieghu.

8. Illi r-rikorrent hu maghruf bhal ma hi l-familja tieghu ghat-twemmin politiku li jhaddan u dan certament li kkontribwixxa ghall-bsaten fir-roti illi ghal xejn b'xejn huwa sab quddiemu.

9. Illi in sostenn tar-rikors tieghu ir-rikorrent kien bi hsiebu jtella' jixhdu l-persuni indikati.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan t-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi joghgbu jordna li l-istess rikorrent jinghata kumpens ghall-flus li huwa tilef kif fuq spjegat u li jinghata dawk il-promozzjonijiet lilu spettanti jew inkella f'kaz li tali rimedju ma jkunx jista' jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens lir-rikorrent fis-somma ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distizjoni eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejhiet ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Telecom Technician III u ghall-grad ta' Technical Officer I kienu hargu fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent ma kienx applika ghall-grad ta'

Technical Officer, u kien applika biss ghall-grad ta' Telecom Technician pero' ma kkwalifikax u ghalhekk ma setghax jinghata l-promozzjoni.

3. Illi fil-kaz tal-applikazzjoni ghall-grad ta' technical technician III minn massimu ta' 100 marka ir-rikorrent gab biss 32 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 3 marki minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 3 marki minn 20 marka ta' l-esperjenza, 10 marki minn 15 il-marka tal-kwalifiki, 5 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika, 7 marki minn 10 marki ghal taghrif generali u 4 minn 5 marki ghal personalita'.

4. Illi dwar l-ilment tar-rikorrent li ma ntaghzilx biex jattendi korsijiet f'Malta u barra minn Malta, huwa ghandu jaghti dettalji ahjar biex il-Korporazzjoni tkun tista' tivverifika u twiegeb ghall-ilment tieghu.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li fl-intervista ghal Telecom Technician III fl-1989 hassu li kien mar tajjeb. L-inginier Balzan staqsieh mistoqsijiet teknici u generali, staqsieh fuq in-natura tax-xoghol ta' l-Exchange li fil-fatt kien gia qieghed jaghmel u wiegeb preciz mill-esperjenza. Meta r-rizultat hareg baqa' mbellah ghaliex ma kienx qieghed jistenna li ser jaghtuh daqshekk marki baxxi. Ikkontesta bl-aktar mod qawwi dan il-puntegg li nghata ghal mistoqsija teknika 5 minn 20 marka propju ghaliex jiftakar li, kien wiegeb tajjeb. Qal li kien kiseb puntegg baxx fl-oqsma ta' snin ta' servizz u esperjenza. Zied jghid li minn taghrif li kiseb sar jaf li applikanti ohrajn almenu tlett kazi - Louis Vella (6689) Charles Zammit (6690) u Vincent Zammit (6268) ghaliex ma setghux jiehdu puntegg fil-qasam tal-kwalifiki, ghaliex kwalifiki ma kellhomx, gew ivvantaggjati billi nghataw il-massimu tal-puntegg fil-qasam ta' l-esperjenza (20 marka) kif ukoll fil-qasam tal-mistoqsija teknika (20 marka) fil-qasam tat-taghrif generali (10 marki) u fil-qasam tal-Personalita' (5 marki).

In kontro ezami r-rikorrent qal li huwa sodisfatt bil-marki ghat-tlett kriterji li huma taghrif generali, kwalifiki u personalita'. Zied jghid li ma kienx kuntent ghall-marki li nghata ghall-mistoqsija teknika.

Xehed Guido Bartolo li qal li ma tantx ilu a konoxxenza tal-kaz ta' Silvio Privitera w ma kienx involut fil-promozzjonijiet tal-grad ta' TO1.

Xehed Saviour Borg li qal li m'ghandux access ghar-rizultati li kienu saru ghall-grad ta' TT3 u ghal TO1.

Xehed Godwin Ellul li qal li jikkonferma ghall-habta ta' l-1989 huwa kien membru tal-Bord ta' l-ghazla ghall-grad ta' Telecom Technician 3. Lir-rikorrent ma gharfux. Qal li l-kriterji ta' l-ezami, kien hemm xi affarijiet teknici li kienu relatati max-xoghol izda peress li huwa mhux bniedem tekniku kien hemm ukoll xi domandi ta' taghrif generali li kienu fuq current affairs. Ikkonferma li l-kriterji kienu kwalifiki, taghrif generali, personalita, kompetenza personali fuq mistoqsija teknika u snin ta' servizz. Ikkonferma li r-rikorrent gab marki tajbin hlief ghall-mistoqsija teknika.

Xehed Albert Balzan li kkonferma ghall-habta ta' l-1989 huwa kien membru fil-bord ta' l-ghazla ghall-Telecom technician 3. Qal li dak iz-zmien li kien membru tal-bord kien Head tal-Internal Telecommunication fit-Telemalta. Qabel l-1987 kien fi grad ta' Chief Engineer. Jiftakar li kien xi darba ohra bhala membru tal-bord ghall-promozzjonijiet. Qal li hu gie appuntat fuq il-bord ta' l-ghazla fl-1989 billi cempillu s-Sur Anthony Debono li kien General Manager fejn qallu li kellhom bzonn li hu jkun fil-bord ta' l-ghazla. Zied jghid li min-naha tal-Ministru Muscat jew mic-Chairman tat-Telemalta jew mis-Sur Debono li kien il-General Manager dejjem kien jghidlu biex jghaggel. Qal li gieli sarulhom xi mistoqsijiet fir-rigward ta' certi persuni jekk dan tressqux jew le.

Qal li l-Ministru kien staqsieh certi domandi bhal dawn. Qal li l-ismijiet kienu jghadduhomlhom bil-fomm. Qal ukoll li l-kontribut tieghu fuq dan il-bord kien l-aktar li kien jaghmel mistoqsijiet teknici. L-iktar mistoqsijiet li kien jaghmel kienu jirrigwardaw exchanges, testing, joints ecc. Qal li peress li kienet fil-linja teknika kienu jaghtu mportanza l-valutazzjoni tieghu. Zied jghid li jista' jkun li dawk li gew indikati lilu mill-Ministru inghataw marka gholja minnu fuq mistoqsija teknika.

Xehed Charles Zammit li qal li kkonferma li fl-1989 kien membru tal-bord ta' l-ghazla ghall-grad ta' TT3. Qal li gie appuntat fuq il-bord ta' l-ghazla peress li dak iz-zmien skond il-ftehim kollettiv tat-Telemalta kien hemm li kellu jkun hemm rapprezentant tal-GWU. Qal li d-domandi li ghamel hu kienu introductory questions, gieli staqsa wkoll domandi li kienu relatati mas-snin ta' servizz u anke mat-taghrif generali. Zied jghid li l-mistoqsijiet teknici kien jaghmilhom Albert Balzan ic-Chairman tal-Board. Qal ukoll li huma kellhom isegwu il-marki ghall-mistoqsija teknika ta' Albert Balzan peress li peress li hu kien il-bniedem chief tekniku. Qal li sa fejn jaf hu kien hemm xi ftehim bejn il-management u l-union dwar kemm kellhom jigu appuntati TT3' s.

Joe Mallia bhala rapprezentant tal-Maltacom esebixxa dokument li huwa rapport tal-Bord tal-ghazla kif ukoll il-punteggi li ottjenew l-applikanti.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi l-ilment tar-rikorrent fih tlitt aspetti u cioe':

1. In-nuqqas ta' promozzjoni fl-1989;
2. In-nuqqas ta' promozzjoni fl-1992;
3. Il-fatt li ma intbaghatx korsijiet mis-socjeta' intimata.

Illi pero' r-rikorrent ghamel provi biss dwar l-ewwel aspett u ghalhekk certament dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tieghu dwar it-tieni u tielet aspett u f'dan is-sens jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata dwar dawn l-aspett.

Dwar l-ewwel aspett u cioe' in-nuqqas ta' promozzjoni tal-1989, fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Mallia vs Chairman Maltacom" deciza fis-6 ta' Novembru, 2001, it-Tribunal qal:

**"Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja. B'daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita', adattabilita' ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f'dan il-kaz u cioe':

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista' jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedgha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f'minuta, tnejn f'interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f'idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe' il-kriterju ta' kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta' liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta' 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita'. Ma hemmx ghalfejn ta' hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa percentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b'hekk fil-verita' gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta' TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta' Servizz | 30% |
| Esperjenza | **<u>15</u>**% |
| Kwalifiki | **<u>25</u>**% |
| Mistoqsija Teknika | **<u>15</u>**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

**Analisi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**<u>snin ta' servizz</u>** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **<u>experience</u>** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat!

Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **kwalifiki** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**mistoqsija teknika** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12 il-sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta' TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta' dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja."

Ghalhekk it-Tribunal irid jezamina l-marki moghtija lir-rikorrent u jaghmel il-varjazzjonijiet necessarji biex jara jekk jikkwalifikax.

## Marki moghtija lir-Rikorrent:

Dan it-Tribunal ikun ferm preokkupat meta jara allokazzjoni ta' marki bil-mod kif saret f'dawn l-interviews ghax bil-fors li jkollu jesprimi li l-affarijiet ma imxewx sew. Infatti r-rikorrent semma lil Vella Louis, Zammit Charles u Zammit Vincent li l-ewwel tnejn kienu Telecom Technicians I waqt li l-ahhar wiehed u r-rikorrent kienu Telecom Technician II qabel l-interview. Dawn it-tlieta kellhom 5 snin servizz waqt li r-rikorrent kellu 3. Izda hu tal-iskantament kif dawn it-tlieta gabu il-massimu tal-marki f'esperjenza [20 out of 20], fit-Technical Question [20 out of 20] general question [10 out of 10] u personalita` [5 out of 5] u ma kellhomx marka wahda fil-kwalifiki! It-tlieta kienu daqshekk perfetti f'kollox li fil-kriterji suggettivi gabu 55 out of 55! Bil-fors li biex issir gustizzja it-Tribunal ikollu kontra qalbu jiftah idejh aktar favur ir-rikorrent ghax b'dak li ghamel il-Bord ma jhallix alternattiva lit-Tribunal.

***Ir-rikorrent:***

Dwar Snin ta' Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 3 ghal TT III; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 30% u ghalhekk ir-rikorrent jibqa' bi 3 marki;

Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 3; ir-rikorrent li kellu tlitt snin servizz ghalhekk gab 3 meta Zammit,

Vella u Zammit li tnejn minnhom kienu ta' rank anqas mir-rikorrent gabu 20 ghalkemm dawn kienu ilhom mas-socjeta` intimata 5 snin; ghall-anqas ir-rikorrent kien haqqu 14; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15% u ghalhekk il-marka tigi 11;

Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 10; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25% u ghalhekk il-marka trid tkun 17;

Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 5; Vella Louis u Zammit Charles li kienu rank anqas minnu gabu 20 u ghalhekk it-Tribunal ihoss li kien haqqu ghall-anqas 12; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15% u ghalhekk il-marka trid taqra 9;

Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 7; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 10% u ghalhekk jibqa' b'7;

Dwar Personalita' l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta' 5% u ghalhekk jibqa' b'4;

Dan iwassal it-total tal-marki tar-rikorrent ghal 51.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' TT3 b' effett mit-23 ta' Gunju, 1989 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.